MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-12 ta' April, 2012

Avviz Numru. 68/2012

**Fl-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 394/2012 fl-ismijiet:**

**Isabella Cilia (I.D. Card Nru. 261163M)**

**Vs**

**Robert Cilia (I.D. Card Nru. 185962M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Robert Cilia fl-24 ta’ Frar 2012, permezz ta’ liema jitlob li l-Qorti: (i) tiddikjara u tiddeciedi li n-notifika ta’ l-ittra ufficjali datata 3 ta’ Gunju 2009 bin-Numru 3078/09 ma saritx skond il-Ligi; (ii) tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmija ittra ufficjali hija nulla u bla effett fil-Ligi; (iii) tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett fil-Ligi l-Mandat ta’ Sekwestru Numru 394/2012 fl-ismijiet “Isabella Cilia v. Robert”; (iv) tirrevoka l-imsemmi Mandat ta’ Sewkestru Numru 394/2012; u (v) minghajr

pregudizzju ghall-ewwel erba' talbiet, f'kaz li jigi deciz li l-Mandat ta' Sekwestru ghandu jibqa' fis-sehh ghax validu skond il-Ligi, jigi fi kwalunkwe kaz revokat in parte ghal raguni valida fil-Ligi, bl-ispejjez kontra Isabella Cilia;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u markati Dok. "A" sa' Dok. "F" minn fol. 3 sa' fol. 32 tal-process;

Rat illi Isabella Cilia giet notifikata bir-Rikors promotur fl-24 ta' Marzu 2012 u rat ir-Risposta taghha pprezentata fis-27 ta' Marzu 2012, permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, in bazi ghas-segwenti ragunijiet: (i) l-ittra ufficjali bin-Numru 3078/09 giet debitament notifikata lir-Rikorrent; (ii) ir-ragunijiet moghtija minnu ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 394/2012, senjatament li ma nghatax ricevuti ghall-hlas minnha pretiz, li ismu spicca ppubblikat fuq il-Credit Info u li parti mill-hlas pretiz minnha jirrapprezenta xahar manteniment li già jinsab imhallas, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u mhux rilevanti ghall-proceduri in ezami; (iv) il-klawsola numru 10 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall datat 9 ta' Marzu 2005 tittratta dwar obligazione di fare, liema obbligazzjoni hija ezekuttiva in kwantu tirrizulta minn kuntratt pubbliku u biex tali obbligazzjoni tigi reza esekuttiva ma hemmx ghalfejn li tigi istitwita kawza fil-konfront tad-debitur inademjenti izda semplicement jigi interpellat ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali, kif fil-fatt hija ghamlet f'dan il-kaz fil-konfront tar-Rikorrent; u (v) f'dan l-istadju r-Rikorrent jista' jilmenta biss dwar jekk xi parti mill-ammont pretiz huwiex dovut u mhux jekk l-ammont rikjest huwiex titolu ezekuttiv jew le fil-konfront tieghu. Il-procedura kontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex intiza biex jigi attakkat titolu ezekuttiv imma biex jigi legittimat l-ammont issekwestrat bil-Mandat jekk ikun hemm xi zball fic-cifri. Biex jigi attakkat it-titolu ezekuttiv trid tigi intavolata kawza quddiem il-Qorti kompetenti;

Rat il-vera kopja ta' l-atti ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 3078/09 ipprezentata mir-Rikorrent waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2012 u rat l-atti originali ta' l-imsemmija ittra

ufficjali u n-Nota pprezentata minn Isabella Cilia fis-7 ta' Dicembru 2011 fl-atti ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni u d-dokumenti annessi maghha, u rat ukoll l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 394/2012 fl-ismijiet "Isabella Cilia v. Robert Cilia", liema atti originali ta' l-ittra ufficjali u tal-Mandat ta' Sekwestru jinsabu annessi ma' l-atti ta' dawn il-proceduri;

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Robert Cilia fid-29 ta' Marzu 2012, permezz ta' liema talab li l-Qorti tordna l-isfilz tal-kopja tal-gurnal lokali anness ma' l-inkartament ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 3078/09 u tiehu dawk il-provvedimenti opportuni in vista ta' abuzz fl-amministrazzjoni tal-gustizzja u dana prevja s-sospensjoni tal-prolazzjoni ta' din id-decizjoni;

Rat id-Digriet datat 29 ta' Marzu 2012, li bih it-talbiet avvanzati mir-Rikorrent bir-Rikors ipprezentat fid-29 ta' Marzu 2012 gew michuda, u dana billi ma rrizulta ebda abbuz fl-amministrazzjoni tal-gustizzja peress illi n-Nota li taghha ntalab l-isfilz giet ipprezentata fl-atti ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 3078/09 fis-7 ta' Dicembru 2011, kif jirrizulta mit-timbru tal-prezentata li hemm fuqha;

Semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jitlob li l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 394/2012 ottenut mill-intimata kontra tieghu jigi revokat in toto jew alternattivament in parte. Huwa jitlob ir-revoka in toto ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv ghaliex l-intimata ma ghandhiex titolu ezekuttiv validu fil-Ligi fil-konfront tieghu, u alternattivament jitlob ir-revoka in parte ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru ghaliex parti mill-ammont pretiz mill-intimata già jinsab imhallas.

Ir-Rikorrent jikkontendi li l-intimata ma ghandhiex titolu ezekuttiv validu fil-Ligi fil-konfront tieghu ghaliex: (i) l-ittra

ufficjali bin-Numru 3078/09 ma gietx debitament notifikata skond il-Ligi u ghalhekk hija bla effett legali; u ghaliex (ii) fi kwalunkwe kaz l-intimata ma setghetx tipprocedi kontra tieghu ghall-hlas ta’ l-ammont minnha pretiz bl-ittra ufficjali in kwistjoni izda, kellha tistitwixxi kawza fil-konfront tieghu kif del resto già kienet ghamlet xi zmien qabel.

L-intimata tilqa’ ghal dawn il-pretensjonijiet tar-Rikorrent bil-kontestazzjoni li: (i) in-notifika ta’ l-ittra ufficjali bin-Numru 3078/09 saret skond il-Ligi; (ii) *fil-klawsola 10 ta’ l-imsemmi att ta’ separazzjoni r-ragel obbliga ruhu sabiex ihallas nofs l-ispejjez medici u edkuattivi taz-zewg ulied. Illi dina l-obligazione di fare tirrendi tali obligazzjoni bhala ezekuttiva una volta hija naxxenti minn att pubbliku. Konsegwentement ghal dana t-titolu, l-esponenti tikkontendi li hija ma ghadx ghandha l-bzonn li taghmel kawzi biex tirrendi ezekuttiv xi ammont li jaqa’ taht il-kappa tal-klawsola numru 10 tal-imsemmi att ta’ separazzjoni. Illi l-esponenti tikkontendi bid-dovut rispett li l-Qrati taghna dejjem hekk interpretaw disposizzjonijiet simili ghal dawk li ghandhom bejniethom il-partijiet. S’intendi peress illi hawn si tratta ta’ digrieti moghtija f’mandati ta’ sekwestru/qbid etc ezekuttivi jkun difficli li wiehed jikkwota sentenzi per se u dana ghaliex id-digrieti f’mandati ezekuttivi mhux solitu li jigu kwutati. Illi ghalhekk l-esponenti tinsisti li la darba l-partijiet taw it-tnejn il-kunsens taghhom f’att pubbliku, issa wara ma’ tistax tigi xi parti u tilment li dak l-obbligu ma jwassalx ghal titolu ezekuttiv. L-interpretazzjoni li jaghti r-ragel fir-rikors tieghu hija bid-dovut rispett ghal kollox skorretta;* u (iii) *ir-ragel f’dan l-istadju kull ma jista’ jilmenta ghalih huwa jekk xi parti minn l-ammont ma tkunx dovut u mhux jekk l-ammont rikjest huwiex titolu ezekuttiv jew le favur l-esponenti. Illi ghalhekk se mai, jinghad li r-rikorrenti qed juza procedura skorretta u dana ghaliex, jekk huwa jidhirlu – li assolutament mhux il-kaz – li hemm xi ammont minn dak li ntalab li mhux dovuta huwa ghandu jintavola proceduri permezz ta’ avviz/rikors (jiddependi minn l-ammont u min ikollu gurisdizzjoni) biex jattakka dak it-titolu ezekuttiv kif indikat u mhux semplicement jaghmel rikors fl-atti tal-mandat in kwistjoni. Illi infatti l-ewwel dicitura tal-artikolu 281(1) hija li “Minghajr pregudizzju*

*ghal kull jedd iehor…" u dana proprju minhabba f'dak li qed tesponi l-esponenti. Isegwi ghalhekk li l-artikolu li a bazi tieghu isejjes ir-rikors tieghu r-ragel ma hux qieghed hemm biex jigi deciz ammont mitlub hux ezekuttiv jew le kif qed jippretendi r-rikorrenti izda semplicement biex jigi lleggittimat ammont jekk ikun hemm xi zball fic-cifri. Illi ghalhekk tali artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli in kwantu l-ilment tar-ragel u l-uniku haga li huwa jista' jaghmel huwa li jintavola kawza huwa biex jattakka t-titolu li tivvanta l-mara bis-sahha tal-kuntratt tad-9 ta' Marzu 2005.*

Ma hemmx dubju li l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi kkunsidrata hija dik dwar in-natura guridika u procedurali ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-mod kif il-Qrati jinterpretaw dan l-artikolu tal-Ligi huwa li *l-ghan li ghaliha iddahhlet din id-disposizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innfisu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul ta' l-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 283A* (kif precedentement enumerat l-Artikolu 281) *jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor ta' l-istess Kodici jew xi ligi ohra. Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun 'raguni valida skond il-ligi' li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in generali jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun hareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji*.

Huwa evidenti ghalhekk li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tistax

tintuza biex jergghu jinfethu kwistjonijiet marbuta mal-meritu suggett ta' l-att ezekuttiv in kwistjoni izda, tali procedura hija ntiza sabiex att ezekuttiv li jkun fih difett formali li jolqot il-validità tieghu jigi revokat.

Il-formalitajiet rikjesti u necessarji ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv jirrizultaw mill-Artikoli 375 u 376 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdu illi *meta kreditur bis-sahha ta' sentenza jew titolu esekuttiv iehor, sabiex jithallas tal-kreditu tieghu, ikun irid izomm li ma jghaddux f'idejn id-debitur tieghu, flus jew haga mobbli li jkunu jinsabu f'idejn haddiehor, jista' jaghmel dan bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru* [Artikolu 375]. *Il-kreditur ghandu, fir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru, jindika sew l-isem u l-kunjom tad-debitur, u dettalji ohra dwar id-debitur kif jista' jkun ordnat mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja sabiex id-debitur ikun jista' jigi identifikat mis-sekwestratarju. Il-mandat ghandu: (a) jindika l-isem u l-kunjom tad-debitur u xi dettalji ohra mnizzlin fir-rikors ghall-identifikazzjoni tad-debitur, inkluza fejn huwa possibbli, in-numru tal-karta ta' l-identità jew in-numru tar-registrazzjoni tal-kumpannija; (b) jindika s-somma jew il-haga dovuta; (c) jindika t-titolu li bis-sahha tieghu l-kreditur jitlob l-ezekuzzjoni; (d) jordna lis-sekwestratarju li ma jhallasx jew ma jaghtix lid-debitur, jew lil xi persuna ohra, il-flus jew il-hwejjeg li jistghu jinsabu ghandu u li huma tad-debitur, taht piena ta' hlas tad-danni u l-imghax; u (e) jordna lis-sekwestratarju biex jiddepozita, bi spejjez tad-debitur, fi zmien dsatax-il jum min-notifika tal-mandat, mar-Registratur xi flus jew hwejjeg li jkunu proprjet tad-debitur, issekwestrati bil-mandat. Jekk is-sekwestru ma jkunx fih dawn id-dettalji, ikun ipso jure null* [Artikolu 3760].

Ma hemmx dubju li l-ewwel formalità li trid tigi sodisfatta biex Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv jitqies bhala legalment validu hu li l-persuna li titlob il-hrug ta' tali mandat kontra persuna ohra jkollha titolu ezekuttiv kontra dik il-persuna. Ma hemmx dubju ukoll li t-titolu ezekuttiv irid ikun wiehed validu fil-Ligi ghaliex altrimenti l-hrug ta' Mandati ta' Sekwestru Ezekuttivi jista' facilment jaghti lok ghal abbuz fejn kwalunkwe pretensjoni, hi kemm hi frivola

u vessatorja, tkun tista' tibi 'legittimata' bil-hrug ta' tali mandate.

L-ezistenza ta' titolu ezekuttiv validu li jkun jifforma l-bazi tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv hi ta' importanza fondamentali ghall-gustifikazzjoni ta' tali att u tal-konsegwenzi li johloq u ghalhekk kontestazzjoni dwar l-ezistenza u validità legali ta' tali titolu ezekuttiv tista' u ghandha tigi kkunsidrata anke fi proceduri istitwiti ai termini ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma tal-Qorti, jekk verament ikollu jirrizulta li l-kreditur ezekutant ikun talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv in bazi ghal titolu ezekuttiv mhux validu fil-Ligi, dik tkun raguni iktar milli valida fil-Ligi biex dak il-mandat jigi revokat.

Naturlament kull kaz irid jigi ezaminat individwalment ghaliex il-Qorti tkun trid toqghod attenta li: (i) kontestazzjoni dwar il-validità w ezistenza legali ta' titolu ezekuttiv in bazi ghal liema jkun gie ottenut att ezekuttiv ma tkunx fil-verità qed tahbi kontestazzjoni marbuta mal-meritu proprio tal-kwistjoni bejn il-kreditur ezekutant u d-debitur ezekutat; u (ii) setghetx il-validità w ezistenza legali ta' dak it-titolu ezekuttiv tigi attakkata permezz ta' procedura *ad hoc* bhal ma hu l-kaz ta' titolu ezekuttiv ottenut fis-sahha tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jew fil-kaz ta' l-esekuzzjoni ta' kambjalijiet ai termini ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kaz in ezami l-kontestazzjoni tar-Rikorrent fil-konfront tal-validità tat-titolu ezekuttiv vantat mill-intimata kontrih u li bis-sahha tieghu ottjeniet l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 394/12 kontra tieghu, ghandha tigi ezaminata f'dawn il-proceduri peress illi hi kontestazzjoni li tolqot il-formalità legali ta' l-att ezekuttiv innifsu u l-procedura adottata mill-intimata kontra r-Rikorrent ma hijiex wahda minn dawk li tipprovdi ghal proceduri *ad hoc* ghall-kontestazzjoni tat-titolu ezekuttiv.

Kif già osservat ir-Rikorrent jikkontesta l-validità w ezistenza legali tat-titolu ezekuttiv in bazi ghal liema l-

intimata talbet u ottjeniet il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 394/12 kontra tieghu minn zewg aspetti: (i) in-nuqqas ta' notifika valida ai termini tal-Ligi; u (ii) l-impossibilità li l-pretensjoni ta' l-intimata tigi reza esegwibbli bil-mera prezentata ta' ittra ufficjali ghall-interpellazzjoni ghal hlas.

Il-kontestazzjoni tar-Rikorrent trid tigi kkunsidrata fid-dawl ta' dak dispost fl-Artikolu 253(b) u fl-Artikolu 256 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, in bazi ghal liema l-intimata evidentement ipprocediet fil-konfront tar-Rikorrent meta harget l-ittra ufficjali datata 3 ta' Gunju 2009 bin-Numru 3078/09.

L-imsemmija artikoli tal-Ligi jipprovdi li: huma titolu ezekuttivi *l-kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt* [Artikolu 253(b)] u li *l-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv iehor* (ossia li ma huwiex sentenza skond is-subinciz (1) ta' l-Artikolu 256 tal-Kap.12) *ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmul b'att gudizzjarju* [Artikolu 256(2)].

Minn dak dispost fl-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa evidenti li n-notifika valida ta' l-att gudizzjarju (fil-kaz in ezami ta' l-ittra ufficjali) interpellatorju hija ferm important ghall-finijiet ta' dik il-procedura u sabiex it-titolu ezekuttiv in kwistjoni jigi rez esegwibbli ai termini tal-Ligi.

Fil-kaz in ezami l-intimata, wara diversi tentattivi ghan-notifika fin-negattiv, ghaddiet biex tinnotifika lir-Rikorrent bl-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju 2009 bin-Numru 3078/09 bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni kif awtorizzat b'Digriet tal-Qorti datat 25 ta' Marzu 2011[1]. Mill-atti ta' l-ittra ufficjali jirrizulta li saret l-affissjoni mal-fond bl-indirizz "San Marino Buildings" No.4, Trejqet tax-Xama', San Pawl il-Bahar, u fl-Ghassa tal-Pulizija u fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u l-pubblikazzjoni fil-Gazetta tal-Gvern fil-

[1] Vide atti ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Gunju 2009 bin-Numru 3078/09.

harga tas-6 ta' Gunju 2011 u f'gazzetta lokali ta' kuljum, senjatament The Malta Independent fil-harga tal-25 ta' Novembru 2011.

Ai termini ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta *jekk mir-riferta tal-ufficjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att gudizzjarju jinstab li l-persuna li ghandha tigi notifikata bl-iskrittura jew att, ghalkemm ma tirrizultax li qedghda barra minn Malta, id-dhul fil-post tar-residenza taghha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza taghha ma jkunx maghruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u <u>f'gurnal ta' kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skont kif il-qorti tiddeciedi</u>*[2] *u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun maghruf, billi titwahhal kopja ta' l-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tiehu dawk il-mizuri l-ohra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna l-ohra li lilha ghandhom ikunu notifikati. F'dawk il-kazijiet in-notitika ghandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xoghol wara l-ahhar data meta tkun giet pubblikata jew minn meta tkun twahhlet il-kopja, skond liema tigi l-iktar tard. F'kazijiet meta n-notifika tkun giet ordnata li ssir b'urgenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iz-zmien specifiku, wara t-twahhil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twahhil.*

Minn dak dispost fl-imsemmi artikolu tal-Ligi jirrizulta b'mod car li l-pubblikazzjoni f'iktar minn gurnal ta' kuljum wiehed hija mehtiega biss meta hekk ordnat mill-Qorti, ordni li fil-kaz in ezami ma inghatax. B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent in-notifika lilu ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta'Gunju 2009 bin-Numru 3078/09 saret ai termini tal-Ligi.

Madanakollu però, minkejja n-notifika ta' l-ittra ufficjali lir-Rikorrent xorta jrid jigi ikkunsidrat jekk dik l-ittra ufficjali setghetx ikollha l-effett legali pretiz mill-intimata u cioè li

---
2 Sottolinear tal-Qorti.

tirrendi esegwibbli l-klawsola 10 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall datat 5 ta' Marzu 2009. L-imsemmija klawsola tipprovdi li *r-ragel qed jobbliga ruhu li jhallas nofs l-ispejjez inkorsi ghall-edukazzjoni kif ukoll nofs l-ispejjez medici ta' l-imsemmija wild minuri. Il-mara tobbliga ruhha illi taghti rendikont lir-ragel ta' dawn l-ispejjez u taghtih ukoll kopja tar-ricevuti fiskali relattivi. Il-medicini relattivi jridu jkunu koperti minn preskrizzjoni tat-tabib*.

Ghalkemm l-obbligu tar-ragel jirrizulta ferm car minn din il-klawsola ma jistax però jinghad li minnha jirrizulta dejn cert, likwidu u li ghalaq, li hija l-karatteristika principali mehtiega biex kuntratt, jew klawsola f'kuntratt, jitqies titolu ezekuttiv ai termini tal-Ligi u li jista' jigi rez esegwibbli bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana billi kwalunkwe ammont pretiz mill-intimata fil-konfront tar-Rikorrent bis-sahha ta' l-imsemmija klawsola jrid ikun gustifikat b'ricevuti fiskali u fejn ikun il-kaz bi preskrizzjonijiet medici u tali ammont jkun ivarja minn darba ghall-ohra. Il-fatt li l-intimata setghet ipprovdiet lir-Rikorrent bir-ricevuti fiskali in sostenn tas-somma minnha pretiza, xorta wahda ma jirrendix l-ammont ta' €1,219.87 li hija tippretendi li huwa jhallas, dejn cert, likwidu u li ghalaq nascenti minn kuntratt li jista' jigi rez esegwibbli bil-procedura kontemplata fl-imsemmi Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk kif gustament pretiz mir-Rikorrent, l-intimata ma setghetx tipprocedi kontra tieghu bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tottjeni l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kontrih izda, necessarjament trid tistitwixxi kawza kontra tieghu ghall-hlas ta' kwalunkwe ammont minnha pretiz bis-sahha tal-klawsola 10 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall datat 5 ta' Marzu 2009. Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk, it-titolu ezekuttiv a bazi ta' liema l-intimata talbet u ottjeniet il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 394/12 ma huwiex validu fil-Ligi u konsegwentement l-istess imsemmi Mandat ghandu jigi revokat.

Fid-dawl ta' din il-konkluzzjoni l-Qorti mhux ser tidhol fil-kwistjoni ta' l-allegat pagament effettwat mir-Rikorrent lill-intimata stante li din hija kwistjoni marbuta mal-meritu tal-pretensjoni ghall-hlas li l-intimata ghandha fil-konfront tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-Rikorsipprezentat mir-Rikorrent fl-24 ta' Frar 2012, billi tiddikjara t-titolu ezekuttiv a bazi ta' liema l-intimata talbet u ottjeniet il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 394/12 fl-ismijiet "Isabella Cilia v. Robert Cilia" bhala null u bla effetti fil-Ligi u konsegwentement tirrevoka l-istess imsemmi Mandat ta' Sekwestru u tordna l-hrug tal-Kontro-Mandat relattiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u dawk relattivi ghall-hrug tal-Kontro-Mandat ghall- Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 394/12 fl-ismijiet "Isabella Cilia v. Robert Cilia" ghandhom jigu sopportati mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------